# Believe in People



## Kisbiet fl-2009-2014

Grupp **PPE**



# Min aħna?

**Aħna l-akbar familja politika fl-Ewropa, immexxija minn viżjoni politika taċ-ċentru-lemin.**

**Aħna l-Grupp tal-Partit Popolari Ewropew fil-Parlament Ewropew.**

# Dak li nemmnu fih

Aħna nemmnu fil-potenzjal individwali tal-persuni li joħolqu l-ħajja li jixtiequ għalihom.

Aħna favur l-imprendituri, favur il-kummerċ, l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni.

Aħna noħolqu l-ambjent li jippermetti lill-individwi jieħdu l-inizjattiva għall-benefiċċju tagħhom stess u tas-soċjetà kollha kemm hi. Aħna parti mill-istess tim – ngħinu lil xulxin u nagħmlu dak kollu li hemm bżonn sabiex insibu soluzzjonijiet għall-isfidi li qed niffaċċjaw.

Inqisu l-kontinent Ewropew bħala post fejn il-persuni jistgħu jivvjaġġaw, jinnegozjaw, jinvestu, jitgħallmu minn xulxin, jixtru, ibiegħu, jikkollaboraw u jingħaqdu f'tim. Inti bħalna?

# In-nies tagħna

Aħna nemmnu f'persuni dinamiċi, b'ħiliet imprenditorjali, ta' talent, motivati u ddedikati. Persuni li għandhom ideat tajbin u huma determinati li jsegwu l-ħolma tagħhom.

Nemmnu f'persuni li jippruvaw iwettqu ideat ġodda, jieħdu riskji u ma jibżgħux li jfallu. Persuni li ma jaqtgħux qalbhom meta ma jirnexxux u jkomplu sejrin sakemm jaslu fejn iridu. Dawn ikunu kapaċi jadattaw, jinbidlu, jitgħallmu, jirriformaw, jikbru u joħolqu.



Nixtiequ ngħinu lill-persuni jiksbu suċċess u ngħinuhom meta jkunu jinsabu f'diffikultà. Nemmnu li għandha tiġi provduta xibka ta' sigurtà għal dawk li għandhom bżonnha, u li kulħadd għandu jingħata ċans indaqs biex jirnexxi.

Il-poplu huwa l-ekonomija tagħna. Il-poplu tal-Ewropa huwa l-akbar ekonomija fid-dinja. Kulħadd fl-Ewropa jibbenefika mill-akbar suq fid-dinja, mill-impjiegi relatati ma' esportazzjonijiet, kummerċ elettroniku, viżitaturi barranin, investiment u pprezzar kompetittiv. Inti magħna?

Nixtiequ li l-impriżi tal-familja tagħna, in-negozji żgħar tagħna, l-innovaturi, l-inventuri, ir-riċerkaturi, ix-xjentisti tagħna u dawk li jaħdmu għal rashom, ikunu sors ta' ispirazzjoni għall-innovazzjoni u l-eċċellenza fl-Ewropa kollha u lil hinn minnha.

**Aħna nemmnu fin-nies tagħna. Inti magħna?**

Believe in People

**Ingħaqad magħna hawnhekk:**
**www.eppgroup.eu**



# Il-kisbiet tagħna fl-2009-2014

## 1. Aħna stabbilizzajna l-ewro, evitajna l-kollass taż-żona tal-ewro u trattajna l-kriżi tad-dejn sovran:

Il-familja politika tal-PPE tirrappreżenta **governanza responsabbli**. Aħna rriformajna l-ekonomiji nazzjonali billi ħadna deċiżjonijiet għaqlin u diffiċli biex niksbu baġits ibbilanċjati fuq perjodu ta' żmien twil, billi:

- Stabbilixxejna regoli biex innaqqsu s-self mill-istat u d-dejn;
- Ivverifikajna l-pjanijiet għat-tnaqqis tal-baġit;
- Introduċejna regoli għall-banek biex jitnaqqsu r-riskji, isir tfaddil għal żminijiet diffiċli u jkun hemm limiti fuq il-bonusijiet tal-bankiera;
- Introduċejna struttura superviżorja għas-swieq finanzjarji;
- Irregolajna s-setgħa tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu;
- Issalvagwardjajna t-tfaddil privat u d-depożiti tal-persuni;
- Ipprovdejna self lil pajjiżi li kienu jinsabu fi kriżi, għax nemmnu fis-solidarjetà.



## 2. Aħna tajna għajnuna lin-negozji żgħar u ta' daqs medju sabiex jistabbilixxu ruħhom u jirnexxu, billi:

- Irriservajna l-finanzjament għas-self lill-imprendituri biex jistabbilixxu negozju;
- Stabbilixxejna regoli intelliġenti li jiżguraw li l-fatturi jitħallsu minnufih (fi żmien 30 ġurnata);
- Neħħejna regoli li kienu ta' piż (dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud, ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, il-leġiżlazzjoni dwar l-iskart u x-xogħol, fost l-oħrajn);
- Żgurajna l-moviment ħieles tal-persuni, il-kapital, il-prodotti u s-servizzi (int u tiegħek);
- Iffaċilitajna l-esportazzjonijiet billi neħħejna t-tariffi u ostakoli oħrajn għall-kummerċ;
- Jillimita l-għoli tal-prezzijiet tal-enerġija u jitnaqqsu l-ispejjeż tar-roaming.

## 3. Aħna għinna liż-żgħażagħ jidħlu fis-suq tax-xogħol, billi:

- Allokajna flus sabiex iż-żgħażagħ isibu impjieg (2 biljun euro);
- Approvajna finanzjament li ser jgħin lil dawk li jitilqu mill-iskola u lill-gradwati jsibu impjiegi, jitħarrġu, jistudjaw barra minn pajjiżhom jew jibdew apprendistat (fi żmien 4 xhur);
- Niżguraw kważi 40% ta' finanzjament addizzjonali għall-programm Erasmus +, biex itejjeb ukoll il-prospetti tal-istudenti żgħażagħ li isibu xogħol;
- Ipprovdejna fondi addizzjonali, self u kapital ta' riskju lil 300 000 imprenditur (il-programm COSME).



## 4. Aħna pproteġejna d-drittijiet tal-konsumatur tiegħek, id-drittijiet għas-saħħa u l-ambjent tiegħek, billi:

- Żgurajna li l-prodotti għall-bejgħ huma siguri u li dawk perikolużi jiġu rtirati malajr (RAPEX);
- Tlabna li l-prodotti tal-ikel jiġu b'tikketti dwar il-kontenut u l-oriġini;
- Żidna l-affidabbiltà tax-xiri online, b'għażliet ta' kanċellament u tilwim;
- Ikkastigajna l-hackers li jisirqu d-dettalji tal-karti tal-kreditu u l-passwords tiegħek;
- Infurzajna l-istandards - għal arja aktar nadifa, kura tas-saħħa aktar sikura u ambjent globali stabbli.

## 5. Żammejniek aktar sikur, billi:

- Iffinanzjajna kontrolli fuq il-fruntieri aktar stretti kontra l-immigrazzjoni illegali (FRONTEX);
- Daħħalna regoli dwar l-asil, għal aktar kooperazzjoni;
- Saħħejna l-politika barranija tagħna bil-ħolqien ta' servizz diplomatiku ġdid (SEAE);
- Żgurajna d-drittijiet u s-sikurezza tiegħek waqt l-ivvjaġġar - bil-karozza, bl-ajruplan jew bil-ferrovija.

**Aħna nemmnu fin-nies tagħna. Ejja ningħaqdu f'tim.**

Grupp **PPE**
fil-Parlament Ewropew


| | |
|---|---|
| Ippubblikat mit-: | Tim tal-pubblikazzjonijiet |
| | Servizz tal-Istampa u l-Komunikazzjoni |
| | Grupp PPE fil-Parlament Ewropew |
| Editur: | Pedro López de Pablo |
| | Kap tas-Servizz tal-Istampa u l-Komunikazzjoni |
| Internet: | www.eppgroup.eu |
| Posta elettronika: | epp-publications@europarl.europa.eu |


| | |
|---|---|
| Dritt tal-Awtur: | Grupp PPE fil-Parlament Ewropew |